**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Marvin Buttigieg**

Numru: 95/2011

Illum 5 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Marvin Buttigieg,** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Emanuel u Vincenza nee' Grech, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-26 ta' Frar 1984 u residenti fil-fond Blk G, Flat 5, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12584G, akkuzat talli fix-xhur ta' Lulju 2011 u Awwissu 2011, gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra f' dawn il-gzejjer;

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolent fuq il-persuna ta' OMISSIS minuri ta' sittax-il sena;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, b'ghemil zieni kkorrompa lill-istess OMISSIS (ID No. 595G) minuri ta' sittax-il sena;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess OMISSIS kontra l-volonta' taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali persuna ta' taht l-eta' sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew stimulata jew wiri ta' organi sesswali u dan meta r-reat irrizulta li ghamel hsara lis-sahha fizika jew mentali tal-istess OMISSIS minuri ta' sittax-il sena;

5. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 524) datata 21 ta' Frar 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat Marvin Buttigieg biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 204D(c) u 208AC(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 530), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Frar 2014, u f'liema

seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parti leza *– fol. 576 sa fol. 583* u tal-imputat *– fol. 576 sa fol. 592.*

**Il-fatti specie tal-kaz**

Nhar is-26 ta' Awwissu ta' l-2011 kien mar l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex, OMISSIS fejn kien irraporta illi t-tifla tieghu ta' sittax–il sena fix-xhur ta' qabel kienet qed *ticcettja* fuq l-internet ma' persuna maskili kif ukoll kienet irceviet xi stampi indecenti li juru l-parti privata ta' persuna maskili.

OMISSIS kien qal illi l–informazzjoni hu kien gabha minn fuq l-internet kif ukoll mill-computer tat-tifla. Mill-informazzjoni li rnexxielu jgib irrizultalu li l-persuna in kwistjoni kienet certu Mario Degiorgio (kaz tieghu kien deciz minn din il-Qorti fit-8 ta' April 2016).

Fl-investigazzjoni tal-pulizija saret allegazzjoni li OMISSIS ftit xhur qabel kienet giet stuprata mill-imputat. Il-kaz sehh f'garage ir-Rabat, Ghawdex li kien jintuza bhala *store* ghal wiehed mit-timijiet tal-football fejn l-imputat ghamel zmien jiggestixxi. L-imputat kien persuna li torganizza *parties* ghaz-zghazagh tant li l-kuntatt ma' OMISSIS sar inkonnessjoni ta' bejgh ta' biljett tal-istess *parties*.

OMISSIS ghamel dikjarazzjoni li jixtieq li l-pulizija jiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat u segwa dawn il-proceduri bhala *parte civile*.

OMISSIS ghamlet xi zmien rikoverata Mount Carmel mhux minhabba xi kundizzjoni mentali imma ghaliex kellha problemi ta' droga. Kienet instabet *positive* mit-testijiet li kienu saru ghad-droga kokaina u xi drogi ohra.

OMISSIS kienet fethet qalbha ma' nurse l-isptar fejn kienet qaltilha illi hi kienet imdejqa u dan ghaliex kienet giet stuprata xi xhur qabel. Lin-nurse kienet qaltlilha wkoll li kienet thossha hafna *lonely* u kienet thoss li missierha u ommha ma kinux jaghtu kasha bizzejjed.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XHIEDA**

*Spettur Frank Anthony Tabone (a* fol. *19 et seq.), PS676 Edelon Spiteri (a* fol. *66 et seq.), WPC37 Sarah Dimech (a* fol. *68 et seq.), PS1464 Michael Portelli (a* fol. *70 et seq.), PC759 Emanuel Zammit (a* fol. *72 et seq.), l-Ispettur Frank Anthony Tabone (a* fol. *111), Dr. Joseph Fenech (a* fol. *112 et seq.), OMISSIS (a* fol. *125 et seq.), Max Xuereb (a* fol. *212), il-Psikjatra Dr. Joseph Saliba (a* fol. *214 et seq.), PS428 Carmelo De Battista (a* fol. *220 et seq.), PC553 Ryan Pace (a* fol. *225 et seq.), OMISSIS (a* fol. *227 et seq.), PC883 Paul Azzopardi (a* fol. *249), Dr. Maria Axiak (a* fol. *256 et seq.), Dr. John Borg (a* fol. *259 et seq.), Dr. Aloysia Camilleri (a* fol. *269), Dr. John Borg (a* fol. *270 et seq.), Oswald Balzan (a* fol. *347 et seq.), Carmen Attard (a* fol. *351 et seq.), Alex Tramboo (a* fol. *362 et seq.), PS266 Stefan Decelis (a* fol. *389), Dr. Steven Farrugia Sacco (a* fol. *408), Mario Degiorgio (a* fol. *543 et seq.), Alex Tramboo (a* fol. *549 et seq.)u Mario Degiorgio (a* fol. *557 et seq.).*

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza tikkontendi illi l-istqarrijet tal-imputat u kwalunkwe dikjarazzjoni li seta' ghamel waqt li kien qed jigi investigat, ghandha tigi skartata mill-Qorti:

> *Issa dawn iz-zewg stqarrijiet li jinsabu esebiti a folio 54 et seq tal-process u a folio 59 et seq tal-Kap 9 ttiehdu wara li dahal fis-sehh l-Att LI tas-sena 2016. Huwa evidenti li t-tehid ta' dawn iz-zewg stqarrijiet, benche li saru wara d-dhul fis-sehh tad-dritt li tikkonsulta ma' avukat, ma jikkonformax mar-rekwiziti stabbiliti mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif spjegati*

*u enuncjati fil-proceduri Dimech vs Malta deciz nhar it-2 ta' April 2015 u Borg vs Malta deciz nhar it-12 ta' Jannar 2016.*

*Mela allura, apparti l-konsiderazzjonijiet ta' indoli kostituzzjonali li jwasslu biex jimminaw il-valur probatorju ta' din l-istqarrija, jehtieg li dawn il-kummenti li qed jaghmel il-parte civile fin-nota tieghu jigu evalwati b'cirkospezzjoni fid-dawl tal-fatt li qed isiru fuq il-premessa li ttehid ta' dawn iz-zewg stqarrijiet sar mhux in konformita ma' dak li l-Qrati Ewropej stabbilew li effetivament jimporta d-dritt li tikkonsulta ma avukat. Huwa bil-wisq evidenti li dan mhuwiex il-kaz tant illi l-legislatur hass li kellu jintervjeni biex din id-diffikolta fil-kamp penali tigi superata u kien propju ghalhekk li introduca l-Artikolu 355AUA permezz tal- ATT LI fis-sena 2016.*

*Kwindi, bid-dovut rispett qed isiru referenzi f'din in-nota ghall-istqarrijiet li gew mehudin b'mod li mhuwiex konformi mad-dettami tal-Qorti Ewropeja u li fihom infushom huma inammissibbli.*

*Tabilhaqq u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, anki li kieku dawn iz-zewg stqarrijiet huma ammissibbli, huwa risaput u jigi ribadit li l-esponent mhuwiex tenut li fl-istqarrija tieghu jipprova l-innocenza tieghu.*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> …
>
> *It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation*

*may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

*"... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone*

*vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[1] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."*

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

*"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[2] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

[1] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[2] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

*billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Cortis</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant f'dak il-kaz, rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Dan il-principju gie kkonfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Eugenio Sultana</u>** moghtija fis-27 ta' Ottubru 2016.

Fil-kaz odjern, il-Qorti qed tqis tali stqarrijijiet bhala priva minn kull valur probatorju u qeghda tiskartahom. Naturalment, dan ghandu japplika wkoll ghal kwalunkwe stqarrija maghmula mill-imputat, minghajr ma gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel l-istess imputat fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub, ghaliex l-istess ragunament ghandu japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti qeghda tiskarta kemm l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, kif ukoll dak kollu li stqarr l-istess imputat verbalment waqt l-arrest u l-investigazzjoni tieghu, kif ukoll kull referenza ghal tali stqarrijiet.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**(Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali - L-Istupru)**

Dwar ir-reat ta' stupru, il-Professur Sir Anthony Mamo jikkummenta hekk:

> *'The carnal knowledge, that is the sexual connection, distinguishes this crime form that of indecent assault. But the connection need not be complete or consummated. The crime is deemed to be complete by the commencement of the connection without the necessity of proving further acts……*
>
> *Violence is an essence of the crime and not merely an aggravation of it…….The law does not specify what the violence must consist in. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer.'*[3]

Il-Liġi tipprovdi wkoll għal ċertu preżunzjonijiet dwar l-istupru kif ukoll dwar il-gravanti tiegħu.

Il-Qorti rat li:

[3] Professur Sir Anthony Mamo *Notes on Criminal Law* Part II paġni193 u 194

1. Il-Facebook *chat* esebita a folio 233 tindika hafna *'flirting'* miz-zewg nahat.

2. Huwa inverosimili dak li tistqarr OMISSIS li l-imputat talabha ma tghajjatx minhabba l-fetha fil-garaxx u hi ghazlet li taghmel hekk biex ma jdahhlux fl-inkwiet (sic) (folio 43 u 48).

3. Hija ghazlet li tbiegh ukoll biljetti ghall-attivita Traffic organizzat fil-Paradiso u dan wara l-allegat stupru (folio 176).

4. OMISSIS tghid li ghall-ewwel imbuttatu izda meta beda javvicinha aktar ma ghamlet xejn (folio 181).

5. Meta tispjega li messhu l-art bil-flokkijiet tal-Hotspurs hija tuza l-plural u mhux is-singular. Fil-fatt issostni li ''l-flok tal-hotspurs li kien ghadu gdid u hrignih min boroz tal-plastik li kellu gol garage''.

6. It-talba tal-imputat sabiex ma jghid il-hadd (ghax fl-ahhar mill-ahhar konsenswali jew le din kinet ghadha minuri) hija ''zgurajtu li mhu ha najt il had u biex ma joqghodx jinkwieta'' (folio 43).

7. Il-fatt li tghid li ma riedet tghid lil hadd ghaliex daqs ''kemm trattwani nies hazin ha jimpurtani x'ghamilli ...''. (a folio 49)

8. L-imput baqa jinsisti li jithallas tal-biljetti li bieghet. Dan huwa konfermat mix-xhud OMISSIS a folio 176 u fir-rapport ta' Dr. Farrugia Sacco f'pagna 27 tar-rapport tekniku Dok M2 (din il-parti tar-rapport mhuwiex numerat) insibu fl-inbox ta' OMISSIS sms mibghut minn numru tal-imputat nhar il-11 ta' Settembru 2011 fis-17.15 (message no.252) fejn qed isaqsi meta jista' jigbor il-flus tal-biljetti. Wiehed kien jippretendi atteggjament differenti minn naha tal-imputat kieku xi gimghat qabel kien ghadu kif stupra lil din il-persuna.

9. Ix-xhud OMISSIS tghid li kien hemm anki precedentement telefonati b'konnotazzjonijiet sesswali benche li sena qabel u dan irid jigi abbinat ukoll mal-*flirting* li sar fuq *facebook* propju l-gurnata ta' qabel.

Din il-Qorti wara analizi tal-provi quddiemha tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi fejn tidhol din l-imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**(Artikolu 203 tal-Kap 9 – Korruzzjoni ta' minuri)**

Illi l-ligi li tirregola l-korruzzjoni tal-minuri hija ben inwadrata fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> **"Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha".**

Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali.

Fi kliemu jghid illi dana r-reat:

> "*deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.*"

Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "*Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed.*"

Il-Professur Mamo jkompli "*this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts,*

*which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence*. Isostni: "*To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile*." Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "*inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite*."

Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat: "*The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile*."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-**Pulizija versus Thomas Wiffen,** deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr. Vincent De Geatano ikkonfermat:

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Illi minn ezami akkurat tal-provi jidher illi l-kuntatt bejn l-imputat u l-minuri OMISSIS, li fiz-zmien tal-allegat kummissjoni tar-reat kellha madwar sittax-il sena ma jirrizultax li hemm l-elementi

rikjesti mill-ligi biex tinstab htija dwar din l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**(Art 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta -Sekwestru ta' Persuna)**

Dwar dan ir-reat il-Professur Mamo jgħid dan li ġej:

> *'Now the material element of the crime under discussion consists in arresting, detaining or confining any person against his will, without a lawful order from the competent authority……*
>
> *The words 'arrest' 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. 'Il reato esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sian quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.'……. The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person* ***may be arrested without being incarcerated or confined in any place……*** *(*enfasi tal-Qorti*)…..*
>
> *The crime is, in the third place, aggravated when the person arrested, detained, or confined is subjected to any bodily harm or is threatened with death…*
>
> *And according to subparagraph (g):*

*'If the crime is committed as the means of compelling a woman to do an act or to submit to treatment injurious to the mdoesty of her sex.'*

Illi minn ezami akkurat tal-provi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha kif titlob il-ligi.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

**(Artikolu 204D(c) tal-Kap 9 – Persuna taht l-eta' mgieghla tippartecipa f'imgiba esplecitament sesswali.)**

Artikolu 204D(c) tal-Kap 9 jipprovdi li:

**204D(*c*)** *(1) Kull min xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tipparteċipa f'imġiba espliċitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tlieta sa għaxar snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

Fil-kaz ***H*** [2005] 1 W.L.R. 2005 jispecifika tliet mistoqsijiet relevanti li jridu jitwiegbu biex tinstab htija:

The first question is whether a reasonable person would consider that the relevant "activity", *whatever* its

circumstances or any person's purpose in relation to it, is by its very nature "sexual". In short, would a reasonable person consider that the relevant "activity" is intrinsically "sexual". If the answer is "yes", there is no need to go further. But if the answer is "no", then the second question arises. This second question is whether a reasonable person would consider that the relevant "activity", because of its nature *may be* "sexual". It appears that if the answer is "*yes it might be, depending on the circumstances",* then the third question becomes relevant. That is: would a reasonable person consider (i) because of the circumstances or (ii) the purpose of any person in relation to it, (or both (i) and (ii)), that the relevant "activity" is "sexual.

L-Archbold[4] dwar *Sexual Communication with a Child* jghid li:

As a date to be appointed, the Serious Crime Act 2015, will insert a new section which provides that a person aged 18 or over (A) commits an offence, if, for the purpose of obtaining sexual gratification, A intentionally communicates with another person (B), the communication is sexual or is intended to encourage B to make a communication that is sexual, and B is under 16 and A does not reasonable believe that B is 16 or over. The offence will be triable either way ...

[4] Magistrates' Courts Criminal Practice 2016, pg. 915

Illi din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Illi in linea generali jibda' biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[5]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi

[5] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[6] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares*

[6] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

> *lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

lli, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura tal-imputazzjoni li giet addebitata fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat u l-istat ta' animu tal-imputat dakinhar tal-akkadut.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed biex tapplika Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jaghraf ma jergax jirrepeti l-agir tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 86, 87,198, 203, 208A u 204D(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u minnhom tilliberah u ssib lill-imputat hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment tordna li isem u kunjom tal-*parte civile* u ta' missierha kull fejn dawn jirrikorru f'din is-sentenza m'ghandhomx jigu pubblikati f'xi mezz tax-xandir jew tal-istampa.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**